MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1883/2004

**Carmel sive jew Charlie Bianco f'ismu**
**u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Silvio Brincat u Ruth Brincat**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,381.50c) rapprezentanti l-hlas ta' disa' (9) kambjali li nhargu fid-29 ta' Gunju, 1999 favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm153.50c) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur u li mmaturaw fi tletin ta' kull xahar bejn 1999 u 2004.

Ra illi l-konvenuti Silvio u Ruth Brincat, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Malcolm Pace jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,381.50c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------